# Madre Margerita u l-Virtujiet Tejologali

**(Diskors dwar l-ispiritwalità tal-Venerabbli Qaddejja ta' Alla, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li sar waqt il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kor tal-"Casa Madre" ta' l-istess Kongregazzjoni, fl-okkażjoni tas-66 Anniversarju minn mewtha 22 ta' Jannar 2018)**

## Daħla

Qed niċċelebraw b'radd il-ħajr is-66 Anniversarju mill-mewt tal-Venerabbli Fundatriċi, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, li ġrat f'dan il-post fejn ninsabu aħna. Kif nafu, minn dakinhar saret ħidma kbira dwar l-ispiritwalità, il-ħajja u l-virtujiet ta' din il-persuna providenzjali mhux biss għal pajjiżna, imma wkoll għall-Knisja kollha. Il-ħidma li saret inġabret fil-*Positio* li tressaq għall-istudju tat-tejoloġi magħżulin apposta mill-Kongregazzjoni għall-Qaddisin f'Ruma, li unaniment taw vot favur il-ħidma kollha. Fraħna meta l-Papa Franġisku fis-27 ta' Jannar 2014, ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan kollu u minn dakinhar il-Fundatriċi bdiet tissejjaħ mill-Knisja bit-titlu ta' *Venerabbli.*

Parti mportanti minn dak kollu li nsibu fil-*Positio* tittratta dwar l-erojċità tal-vitujiet ta' Madre Margerita, fosthom il-virtujiet tejologali, fundament ta' kull ħajja nisranija, li dwarhom, fil-qosor kemm jista' jkun, se noffrilkom xi ħsibijiet, biex l-għożża tagħna għal din il-persuna qaddisa tkun tista' tidher ukoll fl-isforzi tagħna biex nimitawha.

## Il-Virtujiet Tejologali

Ir-ruħ tal-ħajja spiritwali hi fffurmata mill-virtujiet divini jew tejologali, li jiftħu l-qalb tal-bniedem għal Alla u joħolqu relazzjoni mill-aqwa bejn il-bniedem u Alla. Dawn il-virtujiet tejologali jħeġġu u jnebbħu l-ħajja spiritwali u huma d-doni bażiċi li fuqhom tinbena.

Il-virtujiet tejologali, skont it-tagħlim tradizzjonali konsistenti tat-teoloġija kristjana huma tlieta: fidi, tama u mħabba. Dan hu msaħħaħ mit-tagħlim li hemm fl-ittri tat-Testment il-Ġdid li mhux biss jenfasizzaw is-siwi ta' dawn it-tliet virtujiet, imma dejjem isemmuhom flimkien fi grupp wieħed. San Pawl, hu u jikteb lit-Tessalonkin, ifakkar *"il-ħidma li ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakru fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla Missierna"*(1Tes.1,3). Fl-ewwel Ittra lill-Korintin, wara li jkanta dwar l-imħabba, jqiegħed dawn it-tliet virtujiet fil-quċċata ta' l-oħrajn kollha: *"Issa hawn fidi, tama, u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba"*(1Kor.13,13). Anke San Pietru kiteb: *"Bih (bi Kristu) intom temmnu f'Alla, li qajjmu mill-imwiet u tah il-glorja; hekk il-fidi tagħkom hi wkoll tama f'Alla... ħobbu 'l xulxin b'qalbkom kollha u bil-qawwa kollha"*(1Piet.1,21-22).

Dawn it-tlet virtujiet tejologali kisbu post important fit-tradizzjoni tal-Knisja. Infatti l-Konċilju ta' Trentu jiddikjara li fl-att tal-ġustifikazzzjoni huma ġew infużi flimkien mad-doni l-oħra tal-grazzja, fir-ruħ tal-bniedem (ara; DS 1530). Il-għan ewlieni tal-virtujiet tejologali hu li jqawwu lill-bniedem għal djalogu qaddis ma' Alla. Bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba, l-bniedem jsir kapaċi jifhem il-kelma salvifika ta' Alla, jilqagħha f'qalbu u jwieġeb għaliha f'għemilu.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallem li l-virtujiet l-oħra kollha għandhom l-għeruq fil-virtujiet tejologali li jadattaw il-fakultajiet tal-bniedem biex ikollu sehem min-natura ta' Alla. *"Dan għaliex il-virtujiet tejologali jħarsu direttament lejn Alla. Iħejju lill-insara biex jgħixu f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. Għandhom lil Alla wieħed fi Tliet Persuni bħala bidu, motiv u oġġett tagħhom. Il-virtujiet tejologali huma l-pedament ta' l-imġieba morali tan-nisrani, jagħtuha l-ħajja u l-karattru tagħha, isawru u jaħju l-virtujiet morali kollha. Huma jitnisslu minn Alla fir-ruħ ta' l-insara biex ikollhom il-ħila jġibu ruħhom bħala wliedu u jimmeritaw il-ħajja ta' dejjem. Huma r-rahan tal-preżenza u tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-fakultajiet tal-bniedem"*(K.K.K.,1812-1813).

**Il-Fidi ta' Madre Margerita**

**Il-fidi** mhix sempliċiment l-"iva" għall-veritajiet rivelati u għat-tagħlim li l-Knisja tipproponi bħala dommi ta' fidi, imma, hi, fuq kollox il-laqgħa personali ma' Alla, l-"iva" bla waqfien għar-rieda tal-Missier. Il-fidi hi, għalhekk, it-telqa fiduċjuża fi ħdan il-Missier Alla. Mela, il-fidi, fl-aqwa tagħha, mhix relazzjoni ma' ħwejjeġ u propożizzjonijiet jew dommi, imma hi att personali, konfrontazzjoni bejn il-"Jien" uman u l-"Int" divin. Minħabba dan, biex in-nisrani jissaħħaħ fil-fidi, għandu jiċħad dejjem aktar lilu nnifsu u jikber bla waqfien fl-għotja tiegħu nnifsu 'l Alla.

Il-Venerabbli Margerita kellha x-xorti li titrabba f'ambjent mimli fidi sa minn ċkunitha, u wriet dejjem ix-xewqa li tkun dejjem ta' Alla, ħerqana biss li twieġeb f'kollox għar-rieda salvifika tiegħu. Sa minn dakinhar tgħallmet tieħu l-atteġġjament tagħha ta' fidi għaċ-ċentru essenzjali tiegħu: li tilqa' lil Kristu Ġesù bħala l-*"Kollox"* ħaj ta' ħajjitha, għax bih biss il-bniedem jista' jsalva u minnu biss jista' jikseb il-fundament u l-ġabra tal-verità kollha.

Infatti l-ewwel bijografu tagħha, Paolo Calliari, xehed b' mod ċar biżżejjed: *"Kienet kollha kemm hi mibnija fuq il-fidi: hi mhux biss kellha l-fidi, imma kienet tgħixha jum wara ieħor, mument b'mument, fidi ċara daqs il-kristall, mingħajr dellijiet jew tgħawwiġ. Hi l-fidi tagħha biss li tfisser is-siegħat u ljieli twal fit-talb quddiem Ġesù fl-Ewkaristija. Il-Madre nisslet din l-istess fidi fis-sorijiet tagħha".*

Fix-xhieda ta' Sr. Raimunda Sultana, kif naqrawha fil-*"Positio"*, insibu: *"Madre Margerita kienet temmen tassew li Alla jħobb lill-bnedmin kollha b'imħabba speċjali u dejjem stinkat bi kliemha li tnissel fina din il-fidi..., meta kienet tisma' lil xi omm ċċanfar 'l uliedha billi tbeżżagħhom minn Alla, kienet tikkoreġiha mall-ewwel u tfissrilha li ma kellhiex tbeżża' b'Alla li hu tant ħelu, ħanin u mimli mħabba".*

Hu magħruf, kemm mix-xhieda, kif ukoll mill-kitbiet tagħha, li l-Venerabbli Madre kellha fidi tassew qawwija fil-Providenza ta' Alla. Inkiteb, fost l-oħrajn, li *"għexet bil-providenza, għax kienet konvinta li Alla jieħu ħsiebna meta jonqosna l-meħtieġ għall-ħajja. Kienet dejjem tfittex li tgħix ir-rieda ta' Alla, anke meta kienu jinqalgħu xi diffikultajiet, li, kienet ukoll tilqagħhom bħala parti mir-rieda ta' Alla".*

Fil-kitbiet tagħha, spiss narawha tistqarr il-fidi li kellha fil-Providenza, bħal: *"Il-Providenza turina b'mod sensibbli l-ħarsien li għandha għal uliedha li teneramentjafdaw fiha"*(L.68); kif ukoll: *"It-twajjeb Ġesù tagħna jaf kull ma neħtieġu; għalhekk ħa jagħmel hu skont l-imħabba tal-Qalb Qaddisa tiegħu"*(L.93).

Il-fidi tal-Venerabbli Margerita f'Alla kif irrivelat lilna fi Kristu Ġesù, kienet tfisser fiduċja għamja f'imħabbtu, trasformazzjoni bla waqfien fih hi u tagħmlu l-mudell waħdieni tal-imġieba kollha tagħha u s-suġġett ewlieni tal-kitbiet u tat-tagħlim tagħha.

**It-Tama ta' Madre Margerita**

**It-tama**, li hi f'għaqda ntima mal-fidi, hi mibnija fuq il-fiduċja fil-wegħdiet tal-fedeltà ta' Alla u fuq il-ħidmiet bla waqfien ta' l-imħabba tiegħu b'riżq il-bniedem. It-tejoloġija tfisser it-tama bħala dik il-virtù li biha l-bniedem jistenna il-milja tas-salvazzjoni u l-mezzi biex jiksibha, fiduċjuż fl-għajnuna setgħana ta' Alla. Il-motiv tat-tama hi din l-għajnuna qawwija u f'waqtha ta' Alla li, fil-lingwaġġ bibliku titfisser bħala l-fedeltà ta' Alla għal dak li wiegħed.

Kull min jaf xi ħaġa dwar l-ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita, iħossu ċert li ħajjitha kienet kollha kemm hi mibnija fuq it-tama nisranija, jiġifieri, fuq Ġesù Kristu stess, Salvatur tagħna, mibgħut lilna minn Alla, Missierna lkoll, u fuq iċ-ċertezza li ħajjitna u l-ġrajjiet kollha huma f'idejh. Diġà kellna l-okkażjoni naraw fil-fidi tagħha fil-Providenza Divina, kif kienet bla waqfien tgħix id-dimensjoni tat-tama u ta' l-istennija nisranija, *"fis-sliem u b'fiduċja kbira taħt il-ħarsien tal-providenza, li mingħajrha ma nistgħu nagħmlu xejn tajjeb, la ftit u lanqas ħafna"*(L.80), kif hi stess fissret ruħha ma' waħda mis-sorijiet tagħha.

Skont dak li xehdu diversi persuni, il-virtù tat-tama kienet il-karatteristika ta' Madre Margerita; dejjem serena, kalma, fiduċjuża u kollha sabar, kienet tqanqal tama u kuraġġ f'kull min jersaq

lejha. Dawk li kienu jisimgħuha titkellem b'entużjażmu dwar is-salvazzjoni ta' dejjem, dwar il-ġenna u l-premju tat-tgawdija li hemm jistenniena, kienu jilmħuha bħal diġà qed tieħu sehem minn dan il-ġid kollu. Anzi, proprju fiċ-ċirkustanzi tassew diffiċli, hi u titkellem mill-ħarsien tal-*Providenza* kienet dejjem iżżid l-kelma *abbandun*, biex turi b'ċerta qawwa l-virtù tejologali tat-tama, imnissla minn fidi safja u murija fil-prattika bi mħabba ġenwina.

Dwar dan hu ta' siwi kbir dak li xehdu x'uħud mis-Sorijiet. Waħda minnhom stqarret hekk: *"Meta kienet titkellem dwar il-ħajja ta' dejjem, kienet titlef is-sensi tagħha. Kienet ittenni li jeħtieġ inżommu f'moħħna l-Ġenna: u dan mhux biss biex nitfarrġu bil-premju ta' dejjem, imma fuq kollox għax hemm naslu biex nagħrfu 'l Alla fis-sħuħija tiegħu u nindunaw kemm tassew iħobbna... Kienet tassew konvinta mill-imħabba ta' Alla li kellha sens ta' abbandun sħiħ fil-Providenza Divina".* Soru oħra xehdet hekk: *"F'Madre Margerita it-tama kienet turi ruħha fil-fiduċja kbira li kellha f'Alla, kemm dwar dak li hu materjali, u fuq kollox dwar dak li hu spiritwali, għax dejjem kienet tixxennaq il-ġenna u l-għaqda ma' Alla bl-akbar ħeġġa, u dan mhux għal xi merti tagħha, imma għax kienet tafda għal kollox fil-merti ta' Ġesù".*

Jissemmew għadd ta' ġrajjiet, mimlijin sempliċità u awtentiċità, li jixhdu għall-fiduċja għamja tal-Venerabbli Qaddejja ta' Alla fil-Paternità Divina. Darba kienet se tiltaqa' man-Novizzi hekk kif l-ekonoma qaltilha li ma kellhiex flus biex tixtri l-ikel għall-għada. Il-Madre wieġbet: *"Flus m'għandix: imma għal għada jaħseb il-Mulej".* Hekk kif bdiet taqra mill-ktieb li kellha f'idejha, minnu taqa' lira sterlina tad-deheb, tatha lill ekonoma u qaltilha: *"Hekku kif it-twajjeb Alla ħaseb fina".* Ġrajja oħra seħħet fid-Dar tal-Adorazzjoni, fejn ma kien għad baqa' xejn għall-ikel. Il-Madre, imma baqgħet kalma. Filgħaxija ħabbat il-bieb u raġel mhux magħruf, ħallielhom somma flus biżżejjed għall-ħtiġijiet li kellhom. Il-Madre dejjem qalet li dak kien San Ġużepp u lis-Sorijiet qaltilhom: *"Ġesù jipprovdi lill-qalb li tħobbu".*

Baqgħu proverbjali l-ġrajjiet li minnhom għaddew is-Sorijiet matul il-gwerer dinjija, l-aktar l-ewwel waħda. It-tama qawwija u tassew erojka tal-Madre kienet tnissel kuraġġ f'qalb is-Sorijiet fi żminijiet tal-biża' bħalma kienu dawk ta' dakinhar. Inkiteb li hi *"bi spirtu profetiku assigurat lill-komunità tagħha li ebda soru ma kienet se tgħaddi minn xi tbatija personali jew tmut fil-gwerra. Diversi kienu l-ħsarat fi djar tal-Kongregazzjoni, imma ebda soru ma ntlaqtet minn xejn, kif ħabbret il-Madre, li waqt l-attakki mill-ajru, qatt ma niżlet taħt l-art fix-xelter, imma għall-ħoss tas-sirena kienet tmur tiġri ħdejn it-Tabernaklu. Hemm kien il-kenn kollu fiduċja tagħha".*

Kienet din il-qawwa ta' tama li żammet lill-Venerabbli Madre tixxennaq bla waqfien l-għaqda dejjiema mal-Għarus Ħelu tagħha, kif kienet isssejjaħlu, hi u tbati f'dan *"l-eżilju"*, kif kemm-il

darba fissret ruħha fl-ittri tagħha. Il-ħsieb u t-tama li din ix-xewqa ssir rejaltà, kienet tagħmilha hienja u kienet tgħinha tinsa l-qawwa tat-tbatijiet li għaddiet minnhom.

**L-Imħabba ta' Madre Margerita**

**L-imħabba** hi l-istess Alla dejjem preżenti u attiv fil-ħajja tal-bniedem. Il-virtù tejologali ta' l-imħabba hi dik il-qawwa tal-grazzja li biha nħobbu 'l Alla bħala l-ogħla ġid u lill-ħolqien tiegħu, minħabba Alla. Din l-imħabba hi sopranaturali għax hi possibbli bil-qawwa tal-grazzja li tingħata lill-bniedem.

Illum irridu ngħidu li l-Venerabbli Qaddejja ta' Alla, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù nbniet spiritwalment fuq Alla-Imħabba u f'din l-Imħabba kienet tintelaq għal kollox u fiha kienet issib il-faraġ u l-qawwa tagħha. Inħoss li nista' ngħid li l-Venerabbli Margerita kienet bla waqfien b'ħarsa ta' kontemplazzjoni fil-wiċċ kollu mħabba tal-Missier Alla kif jidher fil-wiċċ ta' Kristu, l-aktar fl-Inkarnazzjoni u s-Salib tiegħu, u li hi stess kienet tassew il-virtù tejologali ta' l-imħabba ippersonifikata.

Nistgħu ngħidu li l-imħabba tikkaratterizza l-persuna ta' Madre Margerita li tqiegħed lilha nfisha fid-dawl tal-wiċċ kollu mħabba tal-Missier Alla, tikkontempla kollox fih u tinduna li Alla hu *"il-Kollox waħdieni tagħna"*(L.110). Minħabba f'hekk, il-Fundatriċi spiss tidher tikkontempla lill-Mulej maħbub tagħha hi u tqiegħed ħajjitha kollha fid-dawl tal-ħniena u l-imħabba bla tarf tiegħu. Fl-istess ħin hi tifraħ għax tħossha maħbuba minnu u għax tista' tħobbu. Nisimgħuha titkellem fil-kitbiet tagħha: *"Ejjew u araw kemm hi ta' min iħobbha l-Imħabba"*(L.111).

Fil-ħajja reliġjuża tagħha, wara li esperimentat il-grazzja u l-ferħ tal-konsagrazzjoni sħiħa tagħha, il-Fundatriċi saret xbieha tal-imħabba u tal-ħniena ta' l-istess Alla li sejħilha, b'tali mod li ma' kulħadd, l-aktar ma' wliedha sorijiet, kienet turi fiha nfisha l-imġieba kollha tenerezza tal-Missier, li dwarha kemm-il darba smajna lill-Papa Franġisku kulmeta jittratta dan is-suġġett fid-diskorsi tiegħu. Infatti, f'waħda mill-ittri tagħha, Madre Margerita ħeġġet lil waħda mis-sorijiet biex hi wkoll issir manifestazzjoni tal-imħabba murija minn Alla Missier bis-sejħa reliġjuża: *"O, għażiża tiegħi, impenja ruħek għal kollox biex tagħmlu maħbub għat-tjubija tiegħu, għall-imħabba bla tarf tiegħu, għal dak li hu fih innifsu. Dan jixraqlu mħabba bla tarf! Kemm hu twajjeb! Kemm hu ta' min iħobbu!... nitlob lit-twajjeb Alla biex iferrex il-grazzji tiegħu fuqhom ilkoll (fuq is-sorijiet), ħalli jittrasformahom ilkoll fiH biss, biss, biss."*(L.110). Meta kitbet l-espressjoni *"għal dak li hu fih innifsu"*, uriet li kienet tassew fehmet li Alla hu fih innifsu mħabba, ħniena, mogħdrija, dak kollu li hu mħabba vera: fehmet tassew li Alla għandu wiċċ kollu ħniena, kif kemm-il darba qalilna l-Papa, matul il-Ġublew straordinarju tal-Ħniena tas-

Sena l-oħra. Bħall-Papa, Madre Margerita tidher li fehmet li l-ħniena u l-imħabba jistgħu jibnu dinja aktar umana, jekk il-bnedmin jinbidlu fiH li hu ħniena u mħabba.

Kien minħabba f'hekk li anke f'ittri miktubin lid-Direttur Spiritwali tagħha, kienet tfisser dan il-ħsieb fi stediniet, bħal: *"Ngħoddsu f'dak l-Oċejan ta' mħabba, ta' mħabba nfinita, ta' mħabba eterna. Ejja ninħbew, nixxejnu, noffru ruħna f'dawk il-fjammi eterni; f'dik il-Qalb li fiha jinsab in-nar kollu tal-imħabba divina"*(L. 37). Anke fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, meta mis-sema kienu neżlin bla waqfien il-bombi tal-għadu, hi kienet tagħraf l-imħabba kollha ħniena ta' Alla li ssejjaħ lil kulħadd għall-konverżjoni: *"Inħobbu, inħobbu u nissagrifikaw ruħna f'offerta mal-Kollox tagħna, li qed jitfa' fuq il-bnedmin il-kastigi ħelwin tiegħu biex iwassalna mmorru għandu bħala Missier mill-aktar ħanin – misericordiosissimo."*(L.47). Dejjem kienet tinsisti li jeħtieġ insiru ħniena u mħabba bħalma hu ħanin u mħabba l-Missier tas-sema.

Ikollna ngħidu llum, aħna u nirriflettu dwar il-Venerabbli Margerita f'relazzjoni mal-virtujiet tejologali, speċjalment ma' dik tal-imħabba, li kienet, iva, mara mistika, imma ħajjitha kienet bla waqfien intonata ma' Alla-Imħabba li għallimha kif tħares lejn ħutha s-sorijiet u lejn kull min jersaq lejha, bl-antenni sensibbli u teneri tiegħu stess u b'hekk saret tassew kapaċi li tisma', tgħallem, taqdi u tħobb skont il-ħtiġijiet tal-persuna u taċ-ċirkustanzi partikulari. Ir-relazzjoni tagħha ma' Alla-Imħabba ma kenitx biss xi ħaġa personali u ndividwali, imma saret atteġġjament regolari ta' kordjalità, ta' mħabba tassew materna u tenera, dejjem lesta biex twassal l-esperjenza prattika ta' min hu tassew Alla-Imħabba.

**Għeluq**

Biex nikkonkludu dwar il-virtujiet tejologali f'Madre Margerita, irridu ngħidu li fl-ispiritwalità tagħha, l-imħabba hi riżultat ta' fidi vera. Hi kienet tħares b'fidi ħajja lejn il-misteri divini u lejn it-tliet aspetti tal-missjoni ta' Ġesù f'Betlem, fuq il-Kalvarju u dejjem magħna fit-Tabernaklu. Darba stqarret dak li kienet tesperimenta bla waqfien: *"Oh! Fidi qaddisa, kemm tgħallem affarijiet lil dawk li jimmeditaw bl-imħabba!"*(L.147). Il-fidi u l-imħabba, imbagħad, joħolqu fir-ruħ fidila, fiduċja kbira f'Alla u fil-ħarsien tiegħu. Nistgħu ngħidu li dan kien il-programm tal-virtujiet tejologali li Madre Margerita għexet b'mod erojku, kif stqarrew it-tejologi kollha li studjaw dak li hemm fil-*"Positio"* dwarha. Ejjew nistinkaw biex nimitawha. Din hi l-aħjar tifkira li nistgħu nagħmlu tagħha. Dan hu l-aħjar mod li bih nistgħu noħolqu f'ħajjitna ambjent addattat biex il-Mulej jara li jista' jibgħatilna sinjal mis-sema li jwassal għall-Beatifikazzjoni tagħha, kif tant nixtiequ.

***Dun Ġużepp Gauci***

***22 ta' Jannar 2018***

# TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Alla tagħna jridna nuruh x'inhuma l-ħtiġijiet tagħna mhux għax ma jafhomx, imma għax iridna nuruh li aħna konxji mill-ħtieġa tagħhom. Għalhekk, ejjew issa nuruh dawn ix-xewqat tagħna u fl-istess ħin ejjew nafdaw fl-imħabba u l-ħniena tiegħu li mhux se jħallina nieqsa minn dak li neħtieġu biex ngħixu kif jogħġob lilu u kif nebbaħna permezz tal-Fundatriċi, il-Venerabbli Qaddejja tiegħu, Margerita.

Għalhekk, ejjew ngħidu flimkien: **Mulej, kattar fina l-fidi, it-tama u l-imħabba.**

1. Mulej Alla, Int l-istess imħabba: kif għamilt mal-Venerabbli Margerita, kompli mexxi l-Knisja tiegħek fit-triq tal-imħabba, għax dik hi t-triq waħdanija li twassalna biex insaltnu miegħek fil-ferħ ta' mħabbtek, **nitolbu,**
2. Mulej Alla, Int tmexxi kollox għall-ġid tagħna, kompli mexxi l-ħidma tal-Proċess tal-Beatifikazzjoni tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù Ibnek lejn it-tmiem mixtieq: biex kulħadd jara fiha u jitgħallem minnha mudell ta' ħajja mibnija fuq il-virtujiet tejologali, **nitolbu,**
3. Mulej Alla, Int tgħallimna permezz tal-Knisja tiegħek: kompli dawwalna kif ngħixu fidi vera, imsaħħa bit-tama dwar il-wegħdiet tiegħek u mwettqa b'imħabba vera, kif għamlet Madre Margerita, **nitolbu,**
4. Mulej Alla, Int trid li l-insara kollha jsawwru fihom u f'ħajjithom kopja vera tal-Vanġelu ta' Kristu Ibnek: għinhom jgħixu din il-vokazzjoni tagħhom kif għamlet il-Venerabbli Qaddejja tiegħek Margerita, **nitolbu,**
5. Mulej Alla, Int tnissel fi qlub dawk li jgħixu magħqudin miegħek il-ferħ veru li ma jistax jiġi nieqes: kompli saħħaħ fina lkoll l-għaqda miegħek biex mill-ferħ veru f'din id-dinja naslu għall-ferħ ta' dejjem fis-sema fejn nitolbuk twassal ukoll lil dawk kollha li telqu qabilna minn din il-ħajja, **nitolbu,**
6. Mulej Alla, Int timliena b'kull ġid: irroddulek ħajr għal dak kollu li għamilt mal-Venerabbli Margerita: irroddulek ħajr li tajthielna: nitolbuk kompli għinna biex ngħożżu dejjem aktar l-eżempji u t-tagħlim tagħha u nifirħu bl-interċessjoni tagħha fil-ħtiġijiet tagħna, **nitolbu,**

Ilqa', nitolbuk Mulej, dawn ix-xewqat tagħna aħna u nfakkru b'ferħ u radd il-ħajr lill-Venerabbli Margerita tal-Qalb tiegħek, u agħmel, nitolbuk li nitgħallmu dejjem aktar mill-eżempji u t-tagħlim tagħha biex skont l-istedina ewlenija tagħha nħobbu lilek li Int l-istess Imħabba u nistinkaw aktar biex aħna wkoll insiru xhieda ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.